


# Il-pittura tal-mewt ta' San Ġużepp

## *Xogħol ta' Domenico Bruschi*

**Joseph C Camilleri**



Ir-raħal tal-Gudja għandu diversi teżori li huma attrazzjoni prinċipali ta' kull min iżur dan ir-raħal, sew Maltin u sew barranin. Insibu fost l-oħrajn il-Palazz Bettina (Villa Dorell), il-Kappelli tal-Lunzjata, dik tal-Madonna ta' Loreto u dik ta' Bir Miftuħ, kif ukoll l-katakombi ta' Ħal Resqun. Il-knisja parrokkjali ta' Santa Marija hija wkoll attrazzjoni, kemm għaliex hi l-unika knisja li għandha tliet kampnari u kif ukoll għat-tezori artistiċi li għandha. Fost dawn ix-xogħlijiet insibu x-xogħlijiet ta' Pietro Gagliardi (1809-1890) u ieħor ta' Domenico Bruschi (1840-1910).

### Domenico Bruschi

Dan l-artist twieled fil-belt Taljana ta' Peruġja, missieru kien Carlo li kien politikant. Sew missieru u sew hu kellhom sehem kbir fil-ħelsien tal-belt mill-ħakma tal-Istat tal-Papa. Dawk iż-żminijiet, il-papa kellu kontroll fuq ħafna artijiet fil-qalba tal-peninsula Taljana. Bejn is-snin 1859 u 1860 Peruġja ngħaqdet ma' ħafna artijiet Taljani taħt it-tmexxija tal-familja tas-Savoia. Waħda mit-toroq fejn kienet toqgħod din il-familja ta' Domenico Bruschi hija msemmi Bruschi biex tfakkar is-sehem li kellhom sew Carlo u sew Domenico.

Domenico Bruschi beda jaħdem f'belt twelidu. Ħadem f'waħda mill-kappelli tal-knisja ta' San Pietru, dik ta' San Guzepp kif ukoll fis-swali tal-palazz tal-Kunsill Provinċjali, xeni li juru l-'Glorja' ta' Peruġja. Ħalla Peruġja biex mar ikompli l-istudju tiegħu f'Firenze fejn attenda l-istudju ta' Bandinelli. Reġa daħal Peruġja biex ipitter il-ħitan tal-kappella ta' San Ġuzepp fil-knisja ta' 'San Pietro dei Cassinensi'. Fl-istess żmien ħadem fuq il-ħitan tal-kappella tal-Madonna tar-Rużarju tal-knisja ta' San Duminku f'Peruġja.

Ħalla l-Italja biex żar Londra kif ukoll tela' l-Iskozja. Hawn sab l-influwenza tal-moviment artistiku ta' Raffaello. Ħadem għal xi familji nobbli skoċċizi. Reġa' daħal l-Italja fejn f'Peruġja kompla l-pittura tal-altar ewlieni (it-Tħabbira tal-Anglu). Niżel Ruma fejn beda jgħallem fl-Istitut Irjali tal-Arti li kien jinsab f''Via Ripetta'. Ħadem f''Consulta' u fil-knisja ta' San Pietru u San Pawl kif ukoll fil-Palazz Montecitorio u f'xi palazzi tal-gvern. Ix-xogħol tiegħu kompla wkoll f'Peruġja fuq il-ħitan tas-sala tal-'Prefettura' fejn pinġa persunaġġi magħrufa minn Peruġja u xeni storiċi marbutin ma' din il-belt. Pittur ukoll il-ħitan tal-kappella tal-Magħmudija ta' Kristu, tal-knisja ta' San Onofrio (fil-katedral ta' Perugia). Sar magħruf bħala wieħed mill-aqwa artistiċi tar-Risorgimento, żmien meta l-Italja bdiet tingħaqad u ssir pajjiz wieħed. Insibu x-xogħlijiet tiegħu fil-'Museo dell'Accademia di Belle Arti' ta' Peruġja kif ukoll fit-teatri sew f'Amelia u Trevi kif ukoll f'Spolito. Hawn Domenico Bruschi ħoloq xeni fuq il-'fire-curtains'. Xogħol ieħor importanti tiegħu hu l-affresk tal-kappella 'del Transito' tal-knisja ta' Santa Maria degli Angli f'Assisi.

### Bruschi u Malta

Bil-ħila ta' Monsinjur Pullicino x-xogħlijiet ta' Domenico Bruschi waslu wkoll Malta. Dan kien żmien meta kull ħaġa Taljana kienet konsidrata bħala jdejali biex iżejnu l-ħitan tal-knejjes. Domenico Bruschi kien jappella għall-kleru Malti forsi xi ftit aktar minn artisti Taljani oħra. L-ewwel u qabel kollox kien Taljan u dan kien ifisser li kellu l-barka tal-kleru, tant li anke l-katidral ta' San Pawl fl-Imdina, l-aqwa fid-dijoċezi ta' Malta, għandha waħda mix-xogħlijiet tiegħu. It-tieni fattur, Domenico Bruschi kien ġie influwenzat mill-arti ta' Raffaello, stil ta' arti imbierek mill-Vatikan. It-tielet ħaġa, mar jistudja Firenze u Ruma kif ukoll Londra. Fl-aħħar nett, ħadem għall-familji nobbli mill-Iskozja, wieħed irid jiftakar li Malta, f'dawk iż-żminijiet kienet kolonja Ingliża. Kull ħaġa 'Ingliza' kienet konsidrata tajba u aħjar minn dik Maltija.

### Ix-xogħlijiet ta' Bruschi f'Malta

Fil-katidral tal-Imdina, fuq wieħed mill-altari tal-kappelluni, insibu wieħed mix-xogħlijiet ta' Domenico Bruschi – it-Tħabbira tal-Anglu lil Marija Santissima. Dan ix-xogħol hu l-aktar wieħed magħruf f'Malta, li ħareġ mill-pinzell ta' Domenico Bruschi. Biex wieħed jifhem aktar dan ix-xogħol irid jistudja mill-qrib iż-żewġ Annunzjati li hu ħoloq qabel. Illum dawn jinsabu fl-Italja, wieħed minnhom għall-konfratellanza tal-Lunzjata f'Peruġja. Il-knisja tal-patrijiet Agostinjani tal-Belt Valletta għandha żewġ xogħlijiet tiegħu. Dawn jinsabu fil-kor ta' din il-knisja. Xogħol ieħor ta' Domenico Bruschi jinsab fil-knisja



ta' San Gejtanu l-Ħamrun kif ukoll fis-saqaf tal-katidral t'Għawdex. Wieħed ma jistax jinsa li hemm wkoll xogħlijiet ta' dan l-artist Taljan f'kollezzjonijiet privati Maltin wkoll. L-arti ta' Bruschi hi importanti wkoll għall-gżejjer Maltin. Jekk wieħed jistudja l-arti li kienet issir għall-knejjes Maltin matul t-tieni nofs tas-seklu 19, ix-xogħlijiet ta' Bruschi għandhom importanza kbira.

### Il-kwadru tal-Mewt ta' San Ġużepp

Dan is-suġġett kien popolari fost il-kleru Malti. Id-devozzjoni ta' San Ġuzepp kienet qed tinferex sew mal-Maltin. Il-Mewt ta' San Ġuzepp kienet qed issir popolari minħabba li dan il-qaddies hu marbut mal-mewta t-tajba. Fost xogħlijiet li jinsabu f'Malta b'dan is-suġġett insibu xogħol tal-pittur Franċiż Antoine de Favray li jinsab fil-kappella tal-Madonna ta' Manresa fil-Florjana (Il-Kurja). Milli jidher dan ix-xogħol kien niżel sewwa mal-kleru Malti għax insibu diversi kopji fi knejjes Maltin. Artist ieħor Taljan li ġie jgħammar fostna kien Attilio Palombi. Insibu l-Mewt ta' San Ġużepp, tiegħu, fil-knisja Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu fil-Belt Valletta. Artist ieħor Taljan li ħadem fuq dan is-suġġett kien Giuseppe Galimberti. Dan l-artist ħadem il-Mewt ta' San Ġużepp għall-knisja parrokkjali tal-Fontana, Għawdex. Fl-aħħar nett insibu l-artist Malti, il-magħruf Anton Inglott li fl-1945 ħadem il-Mewt ta' San Ġużepp għall-knisja ta' San Ġużepp fl-Imsida. Pittura sewwa qawwija u konsidrata kapolavur ta' dan l-artist kbir.

### Il-Mewt ta' San Ġużepp tal-Gudja

L-Inkwadru tal-Mewt ta' San Ġuzepp sar meta l-artist kellu biss 37 sena billi l-artist ħadmu fl-1877. Naraw lil San Ġuzepp fis-sodda tal-mewt u madwaru hemm Marija, l-mara tiegħu. Biswithom hemm il-figura qawwija ta' Kristu. Fuq is-sodda nsibu anġlu li ħiereġ minn raġġ ta' dawl b'ħarstu kollha kemm hija fuq San Ġuzepp. Hemm figuri oħra anġeliċi .

Dan il-kwadru għandu dawn il-ħwejjeġ li jagħmluh wieħed mill-aqwa xogħlijiet ta' Domenico Bruschi f'Malta. Hemm logħba importanti tad-dawl f'dan l-inkwatru. Anglu ewlieni fih rabta kbira mad-dawl li ġej mis-sema. Il-figura kristoloġika hija wkoll suġġetta għad-dawl. L-aqwa parti mad-dawl hija fejn jintaqa' max-xagħar ta' Ġesù. Wieħed jinnota kif id-dawl jidħol qalb ix-xagħar tal-figura ta' Ġesù. Din titlob teknika u ħila kbira min-naħa tal-artist. Bruschi joqgħod attent għall-uċuħ tal-figuri. Wiċċ Ġesù hu majestuz u mill-ewwel jagħtik l-ideja li dik il-figura hija l-aktar figura importanti fl-inkwatru. Il-wiċċ tal-anglu ewlieni huwa wkoll importanti, bħal dawk tal-Madonna u ta' San Ġużepp. Dawn l-uċuħ huma ferm importanti għad-devoti, billi l-wiċċ jiġbed li min qed jara l-inkwatru, anke lil dawn li ma tantx studjaw il-bibbja u t-tagħlim tal-knisja. Il-figura ta' Ġesù hija wkoll element qawwija fl-inkwatru. Il-pożizzjoni Tiegħu, l-idejn u r-ras jagħtuk aktar x'tifhem minn hu l-Iben t'Alla. Il-figura tal-Madonna hija wkoll espressiva bħall-figuri tal-anġli.

Dan ix-xogħol juri elementi tar-romantiċiżmu li kien qed jitħallat bil-mod il-mod mar-realismu. Emmanuele Fiorentino jikteb hekk dwar dan ix-xogħol: *The Gudja example belongs to that epoch in much of Italian and Maltese painting when the last rays of a romantic appurtenance in art were being integrated within the garb of a solid realism, as in the notable case of Giuseppe Calì' during the same period, that reveals itself unhesitatingly within each of the figures in the Bruschi painting* (1). Il-pinzell ta' Bruschi jdaħħal din ix-xena f'atmosfera ta' sempliċita kbira. Ma hemmx figuri bl-ilbies fin jew dekorat. Domenico mexa fuq il-ħajja sempliċi ta' wieħed mastrudaxxa f'raħal ta' Nazzaret. Minbarra din l-atmosfera hemm oħra li 'l wieħed tfakkru fid-'dinja' tal-ġenna. Ma hemmx dik l-element uman li wieħed issib f'sitwazzjoni ta' dieqa u kwiet il-qalb meta membru tal-familja jkun ser iħalli wiċċ id-dinja. Dan l-element jagħtik l-idea li din il-familja ma kienetx waħda umana, kien hemm element soprannaturali, jew aħjar divin. Barra minn hekk, din il-familja għexet f'għaqda u imħabba kbira taħt l-umbrella ta' Alla. L-id divina hija preżenti sewwa f'dan l-inkwadru. Dan jgħolli l-kwadru għal wieħed sagru. Meta Bruschi wettaq dan ix-xogħol ma sabx familja magħmulha mill-bniedem. Il-kwiet fil-kwadru jinħass sewwa sew permess tal-figuri tal-Familja Mqaddsa u sew fil-figuri anġeliċi.

### Restawr

Dan ix-xogħol ġie restawrat darbtejn. Skont ir-rapport ta' Alfred Briffa (restawratur) waqt l-ewwel restwar kien sar xi żebgħa fuq sew il-wiċċ ta' Kristu u sew fuq il-paneġġ ta' lbiesu. Alfred Briffa ħadem fuq dan l-inkwatru fl-2003 u barra li naddfu reġa' neħħa dawn iż-żidiet. Dan ix-xogħol sar grazzi għall-interess, fil-patrimonju Gudjan, li kien jieħu Dun Evan Caruana li kien il-kappillan tal-Gudja dak iż-żmien. Illum il-Knisja Arċimatriċi tal-Gudja hija mżejna b'ħafna arti ta' livell għoli u hija ħasra li din il-knisja ma hijiex ikklassifikat bħala attrazzjoni turistika. Knisja parrokkjali b'tant snin ta' storja bilfors hemm ħwejjeġ artistiċi u storiċi li huma ta' interess partikolari sew għall-parroċċa Gudjana kif ukoll għall-parroċċi li ħarġu minnha bħal Ħal Tarxien, Ħal Safi, l-Imqabba u Ħal Luqa. Mużew parrokkjali hu meħtieġ bħall-ħobza ta' kuljum.

**Referenza**

Fiorentino E, Bruschi painting at Gudja restored, The Sunday Times, 10/08/2003 p25